**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 25 ta' April, 2002**

Citazzjoni Numru: **224/02TM**

Numru**: 5**

**M. Demajo (Wines & Spirits) Limited**

vs

**Source Supplies Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet illi hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' tmint elef disa' mija u wiehed u sebghin lira u tmienja u tletin centezmu (LM 8,971.38) bilanc ta' somma akbar prezz ta' xorb lilha mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici.

Ippremmettiet illi nonostante l-fatt illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas hija baqghet indampjenti.

Talbet ghalhekk li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) u in vista ta' l-affidavit ta' Gaetano Cordina (Dok A) m'ghandux minn din il-Qorti:-

1. Tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici msemmija somma ta' tmint elef, disgha mija u wiehed u sebghin lira u tmienja u tletin centezmu (LM8971.38).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' din il-kawza, u bl-imghax legali mill-1 ta' Gunju, 2001 kontra s-socjeta' konvenuta r-rapprezentant ta' liema socjeta' f'proceduri gudizzjarji hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci.

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**IMHALLEF**

**D/REG**